**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Antwerpen (il-Belġju) fit-30 ta' Ġunju 2017 – Openbaar Ministerie vs Freddy Lucien Magdalena Kirschstein, Thierry Frans Adeline Kirschstein**

**(Kawża C-393/17)**

(2017/C 300/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hof van beroep te Antwerpen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Openbaar Ministerie

*Konvenuti:* Freddy Lucien Magdalena Kirschstein, Thierry Frans Adeline Kirschstein

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva 2005/29/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern għandha tiġi interpretata bħala li tipprekludi d-dispożizzjoni fl-Artikolu II.75 (6) tal-Kodiċi għal Edukazzjoni Ogħla tal-11 ta' Ottubru 2013 li timponi projbizzjoni ġenerali fuq istituzzjonijiet edukattivi mhux akkreditati li jużaw it-titolu "master" fid-diplomi li jagħtu, meta dik il-projbizzjoni tkun intiża għas-salvagwardja ta' kwistjoni ta' interess ġenerali, jiġifieri l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' edukazzjoni fejn ikun possibbli li jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżiti ta' kwalità ddefiniti minn qabel ikunux ġew effettivament sodisfatti?

2) Id-Direttiva 2006/123/KE ([2]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern għandha tiġi interpretata bħala li tipprekludi d-dispożizzjoni fl-Artikolu II.75(6) tal-Kodiċi għal Edukazzjoni Ogħla tal-11 ta' Ottubru 2013 li timponi projbizzjoni ġenerali fuq istituzzjonijiet edukattivi mhux akkreditati li jużaw it-titolu "master" fid-diplomi li jagħtu, meta dik il-projbizzjoni tkun intiża għas-salvagwardja ta' kwistjoni ta' interess ġenerali, jiġifieri l-protezzjoni tad-destinatarji tas-servizzi?

3) Id-dispożizzjoni kriminali applikabbli għal istituzzjonijiet edukattivi mhux irrikonoxxuti mill-Gvern Fjamming li jagħtu diplomi ta' "masters", jgħaddu mit-test ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikoli 9(1)(ċ) u 10(2)(ċ) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern?

([1]) ĠU 2005 L 149, p. 22.
([2]) ĠU 2006 L 376, p. 36.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fit-3 ta' Lulju 2017 – Profit Europe NV vs Belgische Staat**

**(Kawża C-397/17)**

(2017/C 300/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Profit Europe NV

*Konvenut:* Belgische Staat

**Domandi preliminari**

1) Is-subintestatura 7307 19 10 ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi l-aċċessorji ta' ħadid fondut graffit sferiku li għandhom il-karatteristiċi tal-aċċessorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta mill-karatteristiċi oġġettivi tagħhom jirriżulta li huma sostanzjalment differenti mill-ħadid fondut malleabbli, peress li l-malleabbiltà tal-ħadid fondut graffit sferiku ma tirriżultax minn trattament termiku adegwat u li dan il-ħadid fondut jinkludi forma oħra ta' graffit minbarra l-ħadid fondut malleabbli, jiġifieri l-graffit sferiku minflok il-graffit nodulari?

2) Is-subintestatura 7307 11 00 għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi aċċessorji tal-ħadid fondut graffit sferiku li għandhom il-karatteristiċi tal-aċċessorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta mill-karatteristiċi oġġettivi tal-ħadid fondut graffit sferiku jirriżulta li dan essenzjalment jikkorrispondi għall-karatteristiċi oġġettivi tal-ħadid fondut mhux malleabbli?

3) Għandhom jiġu mwarrba n-noti ta' spjegazzjoni tan-NM marbuta mas-subintestatura 7307 19 10, li jindikaw li l-ħadid fondut malleabbli jkopri il-ħadid fondut graffit sferiku sa fejn dawn jindikaw li l-ħadid fondut malleabbli jinkludi l-ħadid fondut graffit sferiku ġaladarba huwa stabbilit li l-ħadid fondut graffit sferiku ma huwiex ħadid fondut malleabbli?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fit-3 ta' Lulju 2017 – Profit Europe NV vs Belgische Staat**

**(Kawża C-398/17)**

(2017/C 300/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Profit Europe NV

*Konvenut:* Belgische Staat

**Domandi preliminari**

1) Is-subintestatura 7307 19 10 ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi l-aċċessorji ta' ħadid fondut graffit sferiku li għandhom il-karatteristiċi tal-aċċessorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta mill-karattersitiċi oġġettivi tagħhom jirriżulta li huma sostanzjalment differenti mill-ħadid fondut malleabbli, peress li l-malleabbiltà tal-ħadid fondut graffit sferiku ma tirriżultax minn trattament termiku adegwat u li dan il-ħadid fondut jinkludi forma oħra ta' graffit minbarra l-ħadid fondut malleabbli, jiġifieri l-graffit sferiku minflok il-graffit nodulari?

2) Is-subintestatura 7307 11 00 għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi aċċessorji tal-ħadid fondut graffit sferiku li għandhom il-karatteristiċi tal-aċċessorji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta mill-karattersitiċi oġġettivi tal-ħadid fondut graffit sferiku jirriżulta li dan essenzjalment jikkorrispondi għall-karattersitiċi oġġettivi tal-ħadid fondut mhux malleabbli?